MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Numru 466/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**
**vs**
**Nazzareno Falzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nazzareno Falzon** ta’ 47 sena, bin il-mejjet Vincent u l-mejta Marianna Rita *nee’* Aquilina, mwieled Pieta’, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 740260(M);

Talli fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Mejju 2008, fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta Gudja kkommetta serq ta’ erbgha pakketti sigaretti tal-marka Wiston Classic Red ghad-detriment ta’ Erdogan Mustafa, liema reat ta’ serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li ma jaccediex il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (E232.94), bil-hin u bil-persuna;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu wara li kien intercettat minn ufficcjali tas-sigurta’ tal-Malta International Airport allegatament appena li wettaq serqa ta’ erba pakketti sigaretti minn bagalja ta’ passiggier fil-*baggage sorting area* tal-istess ajruport. *Ex facie* l-imputat huwa impjegat tal-linja tal-ajru Air Malta u fil-hin tal-allegat kommissjoni tar-rejat kien qieghed fil-*baggage sorting area* in disimpenju tax-xoghol tieghu bhala driver tal-karrijiet tal-bagalji. Huwa kien intalab mis-supervisor tieghu sabiex jahdem madwar saghtejn aktar mill-hin tieghu u fil-hin tal-incident, jigifieri madwar nofs il-lejl u ghoxrin minuta huwa kien qieghed ghassa mal-*carousel* tal-bagalji biex appena titfacca bagalja iqeghda fil-karru appozitu ghal dik it-titjira. Ftit tal-hin qabel kellu mieghu zewg kollegi ohra li huma *loaders* izda, qalilhom li jistghu jitilqghu kmieni u li kien ser jiehu hsieb kollox hu, fejn hemmhekk *di sua sponte* assuma sia l-inkarigu proprju tieghu ta’ driver kif ukoll ta’ loader tal-bagalji. F’hin minnhom ufficcjal tal-Malta International Airport (MIA), akkumpanjat minn ufficcjal tal-OMAS (Office of the Manager Airport Security) u membru tal-Forzi Armati nizlu hdejn l-imputat, saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u instab li kellu erba (4) pakketti sigaretti *duty free* (tnejn f’kull but ta’ wara tal-qalziet tieghu. Fil-karru kien hemm ammont zghir ta’ bagalji u wahda minnhom intlemhet biz-zipp ftit miftuh u ghalhekk sid il-bagalja li kien gia sab postu fuq l-ajruplan dirett lejn Istanbul, intalab jinzel biex jiddentifika il-bagalja tieghu. Huwa intalab jara jekk kienx jirrizulta xi haga nieqsa u ikkonferma li fil-wicc kellu erba pakketti sigaretti *duty free* li kien fadallu meta dahal Malta u li dawk ma kienux

ghadhom hemm. Mitlub ukoll jara l-istess pakketti misjuba fuq l-imputat, huwa ikkonferma li dawk l-pakketti kienu bhal tieghu.

Il-prosekuzzjoni esebiet registrazzjoni ta’ zewg CCTV cameras li jkopru l-perjodu *de quo* fejn l-imputat jidher sorveljat minn zewg angoli differenti waqt din l-operazzjoni. Ezami ta’ din ir-registrazzjoni juri lill-imputat ghassa mal-*carousel* u jhares lejn wahda mill-*cameras* kulltant ihokk rasu qisu ma jafx x’jaqbad jaghmel. Jidher ukoll diversi drabi jittawwal lejn il-kontenut tal-karru u kulltant ukoll idahhal idejh fil-karru u jinnavvika ma’ xi oggett li kien jinsab fil-karru, naturalment bagalja. F’hin minnhom l-imputat jidher ipoggi fil-karru b’saqajh jistriehu fuq railing li hemm tul il-*carousel* u qed jidher jinnavika b’idu lura u aktar tard imiss il-bwiet ta’ wara tieghu. Din ir-registrazzjoni turi b’mod univoku li l-intimat kien qed jagixxi b’mod suspettuz ghall-ahhar u ma kienx ta’ xejn li min kien qed josserva s-*security cameras* nibitlu suspett ragjonevoli li l-imputat kien qed jaghmel xi haga mhix f’lokha.

Mill-aspett purament fattwali, l-fatt illi erba pakketti sigaretti *duty free*, tal-istess marka li jappartjenu lid-derubat u li kienu fil-bagalja tieghu meta dan ghamel *check in* tal-istess bagalja gdida tieghu, instabu fuq il-persuna tal-imputat li kien inkarigat mill-kustodja tal-istess bagalji u rizultanti nieqsa mill-bagalja tal-vittma, *ceteris paribus* ghandu jammonta ghal sejbien ta’ htija tar-rejat ta’ serq ravvizat fl-akkuza. L-intimat, izda ghazel illi jixhed f’dawn il-proceduri u offra spjegazzjoni ghaliex instabu dawk il-pakketti fil-bwiet tieghu. Huwa qal li “gew xi zewg bagalji u giet wahda waddabtha hekk, forsi habtet ma l-ohra u bdew niezlin il-bagalji,... u hargu xi sigaretti minnha u jien x’hin dak ippanikjajt bdejt nara fejn ha nwaddabhom jew haga jew ohra, u poggejt bil-qieghda fit-trolley u qbadthom u waddabthom fil-but, erba’ pakketti, biex x’hin nitla’ fuq fejn l-ajruplan naghtihom jew li head loader jew inkella d-dispatcher biex jara minn hu l-passigier ha jaghtihomlu hux ghax jien bdejt nghid iktar ingibha bi kbira jekk nerga nwaddabhom gol-bagalja u rawni bil-camera u gew fuqi mal-ewwel u hrigthom jien mal-ewwel, jien ma

kelli l-ebda intenzjoni nehodhom, ma hadthomx, jien kont tiela fuq bihom, ma tawnix cans nitla fejn l-ajruplan biex naghtihom lil headloader, jien anqas inpejjep biss.” Din il-verzjoni ma taghmel ebda sens tenut kont tar-registrazzjoni mis-CCTV cameras li juru xena ben diversa minn dik deskritta mill-imputat. L-istess imputat irid lil din il-Qorti temmnu li kellu l-intenzjoni li l-head loader jew id-dispatcher jitla’ fuq l-ajruplan u jistaqsi lill-passigieri ta’ min kienu dawk l-erba pakketti ta’ sigaretti. Di piu, jirrizulta illi l-basket tal-passiggier kellu parti zghira biss taz-zip miftuh, appena bizzejjed biex jghaddi pakkett sigaretti u l-imputat irid li jitwemmen meta jghid li meta waqa’ l-basket hargu dawn l-erba pakketti, haga impossibli din qisu hargu erba pakketti minn magna li tiddispensa l-pakketti ta’ sigaretti. Li forsi seta waqa’ pakkett wiehed minn fetha hekk zghira hija komprensibbli izda li bi skoss tal-bagalja johorgu l-erba pakketti in segwitu hija haga improbabbli. L-imputat kien ilu, ftit ftit, ifittex fil-bagalja u meta sab il-pakketti ghamel dak li llum qed iwiegeb ghalih quddiem din il-Qorti.

Il-vittma kkonferma li dawn il-pakketti kienu swewlu euro u hamsin centezmu l-wiehed. Dan ifisser illi l-aggravju tal-valur ma jirrizultax. Jirrizulta, izda, dan is-serq huwa aggravat bil-hin stante li sehh bil-lejl kif ravvizat fl-artikolu 270 tal-Kap 9. Jirrizulta ukoll l-aggravju tal-persuna stante li kien pruvat li l-imputat huwa impjegat tas-socjeta’ Air Malta u li dan is-serq sehh mill-imputat *qua* impjegat fuq hwejjeg avdati lill-istess socjeta’ fil-kapacita’ taghha ta’ linja tal-ajru u li hu kellu kustodja taghhom f’dak il-hin. Jirrizulta ukoll l-aggravju tal-mezz stante li l-imputat fetah il-bagalja tal-vittma.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghall-aggravju tal-valur li minnu qed ikun liberat;

Wara li rat l-artikoli 261 (b)(d)(f), 263, 268, 270, 278 (3) u (4) tal-Kap 9;

Wara li r-rat il-fedina penali tal-imputat li hlief ghal tlett kontravvenzjonijiet kommessi fl-1976 hija wahda nadifa,

qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spejgat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------